Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

Minuti tat-399 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar
l-Erbgħa, 2 ta' Mejju, 2012

Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joe Buttigieg, is-Sur Joseph Bonnici u s-Sinjura Calleja.

Is-Sur Keith Pisani daħal għal-laqgħa fis-6.40 ta' filgħaxija.

Is-Sur Kevin Plumpton daħal għal-laqgħa fis-7.20 ta' filgħaxija.

Is-Sinjuri Mark Grech u Robert Buhagiar kienu skużati.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tat-398 laqgħa tal-Kunsill ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi ġodda dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill biex tiġi *resurfaced* Triq Ħas-Sajjied. Is-Sindku qal li kien ser isir kuntatt mas-Segretarju tal-GAL biex il-Kunsill ikun jaf f'liema stadju waslet l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet.

Dwar il-kaptelli li hemm fi Triq il-Kbira, is-Sur Buttigieg talab li f'uħud minn dawn il-kaptelli li ġew irranġati għandu jsir spazju minn fejn jgħaddi l-ilma tax-xita biex b'hekk ma jkunx hemm ilma li jinġema' fit-triq.

Dwar ix-xogħol li qed isir fi Sqaq Berqi, is-Sindku qal li wara spezzjoni li saret fuq il-post mill-Perit William Lewis qed jiġi propost li parti minn Sqaq Berqi tingħata x-xibka taħt il-konkos biex b'hekk l-art tkun tiflaħ għall-karozzi li jgħaddu minn din il-parti tal-isqaq. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jsir dan ix-xogħol li n-nefqa tiegħu ser issir mill-vot Tiswijiet u Manutenzjoni. Dan peress illi din il-parti tal-isqaq ma kienetx inkluża mat-*tender* tal-*Public Private Partnership*. L-ispiza għal dan ix-xogħol mistennija tkun ta' madwar €4,535.

Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Perit Aaron Abela u s-Sinjura Jesabel Abela fejn talbu l-kunsens tal-Kunsill għall-applikazzjoni tagħhom biex isir proġett ta' żvilupp fi Trejqet Wied ta' Mazza li jikkonsisti f'binja li ser tintuza kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll għall-agroturizmu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni li jsir dan l-iżvilupp.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Transport Malta dwar tibdil fir-rotot fil-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar. Ir-rotta numru 92 issa ser tibda sservi Triq Villabate u l-inħawi ta' tal-Plier minflok tgħaddi miċ-ċentru ta' Ħaż-Żabbar.

Ser tiġi ntrodotta rotta ġdida bin-numru 94 li ser tibda mix-Xgħajra u tgħaddi minn Ħaż-Żabbar (San Pietru /Ċentru), l-Fgura, Raħal Ġdid u tkompli għall-Belt bi frekwenza ta' kull nofs siegħa.

Rotta oħra li għandha tiġi ntrodotta ser tkun dik bin-numru 93 għal Wied il-Għajn li ser tkun qed tgħaddi minn Triq Villabate.

Barra minn hekk ir-rotot kollha diretti lejn l-isptar Mater Dei ser jibdew jieqfu kemm fuq in-naħa ta' quddiem kif ukoll fuq in-naħa ta' wara tal-isptar.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob biex ir-rotta li minn Wied il-Għajn titla' għal Triq tal-Labour biex tmur Bormla tibda titla' minn Wied il-Għajn għaċ-ċentru ta' Ħaż-Żabbar u għal Bormla.

Minbarra hekk il-Kunsill għandu jitlob ukoll biex ir-rotta numru 91 tieqaf ħdejn Grabiel, F'Wied il-Għajn titla' Triq il-Qaliet u toħroġ minn Triq il-Gardiel għal ħdejn il-bajja ta' San Tumas biex b'hekk jinqdew ukoll ir-residenti Żabbarin li fis-Sajf jinzlu Wied il-Għajn.

Fis-7.20 ta' filgħaxija is-Sur Plumpton daħal għal-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Perit Ronald Muscat dwar l-applikazzjoni PA 5800/09 rigward l-izvillup propost għal *Lourdes Petrol Station* fi Triq il-Mina ta' Hompesch. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Plumpton, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp, naturalment jekk l-iżvilupp propost jiġi approvat mill-MEPA.

Inqrat korrispondenza li kienet intbgħatet mis-Sur Chris Schembri li talab sabiex il-grupp tiegħu jiltaqa' nhar ta' Ħamis wara d-9.00 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti s-sala lil dan il-grupp ta' żgħażagħ u li għandha titħallas it-tariffa skont il-*bye-law* ta' €2.33 għal kull darba li tintuża s-sala. Dan wara li jiġi konfermat illi dan il-grupp ser ikun qed juża s-sala għal skopijiet filantropiċi. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa bejn il-Kunsill u l-Grupp sabiex jiġi stabbilit il-funzjoni ta' dan il-Grupp u r-raġunijiet li għalihom qed jitolbu li jużaw is-sala tal-Kunsill.

Inqrat korrispondenza li għaddiet bejn il-NASOM u s-Sinjuri Pauline Agius Farrugia, *Senior Environmental Protection Officer* tal-MEPA, dwar il-ħsejjes li qed jiġġeneraw mill-operat tal-funderija Hompesch Steel.

Dwar is-sistema tat-traffiku fi Triq Patri Taddew Schembri, il-Kunsill fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg qabel unanimament illi tintbgħat ittra lir-residenti ta' Triq Patri Taddew Schembri biex jintalbu jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar jekk it-triq għandiex issir *one-way* bil-kontra ta' kif inhi issa. Dan wara ittra li l-Kunsill irċieva minn uffiċjali ta' Transport Malta li qed jesiġu li l-Kunsill jreġġa' lura s-sistema tat-traffiku fi Triq Patri Taddew Schembri għal kif kienet oriġinarjament minħabba lmenti li kienu qed isiru. Il-Kunsill qabel li jekk il-maġġoranza tar-residenti jaqblu, Triq Patri Taddew Schembri issir *one-way* bil-kontra ta' li hi bħalissa u ssir *sleeping policeman* qabel id-dħul għal din it-triq minn naħa ta' Triq il-Magħsar.

Inqrat korrispondenza oħra mibgħuta minn Transport Malta, din id-darba bħala risposta għall-ittra tal-Kunsill, dwar il-venda ta' Triq is-Santwarju. Transport Malta qed tgħid li l-kunċett ta' vened illum m'għadux jitħaddem. Dwar ir-rotta numru 120 Transport Malta qed tgħid li ser tkun qed tikkunsidra li din ir-rotta tibda sservi lir-residenti taż-żona ta' St Peter's.

Inqrat korrispondenza mill-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi dwar attivita' ta' kitba għall-familja li ser issir fil-bajja ta' San Tumas nhar is-Sibt, 12 ta' Mejju 2012 fid-9.30 ta' filgħodu.

Inqrat korrispondenza oħra mibghuta minn NASOM dwar il-*White Paper 'Neighbourhood Noise Prevention Abatement and Control'.*

Inqrat korrispondenza dwar Forum li ser isir bit-tema 'Il-Prevenzjoni, it-Tnaqqis u l-Kontroll tal-Ħsejjes',

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat Reġjonali fejn infurmaw lis-Sindki kollha rappreżentanti fil-Kumitat Reġjonali li r-Reġjun qabel li ma jipparteċipax fuq bazi reġjonali fil-progett IKIDS.

Dwar it-talba tal-MAAC-Airsoft biex jagħmlu użu mill-Masġar taż-Żebbuġ biex jippratikaw l-isport tagħhom, il-Kunsill fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, qabel unanimament li l-Kunsill jitlob lil dan il-grupp jirreferi t-talba

tiegħu lill-Gvern Ċentrali peress illi l-Masġar taż-Żebbuġ hu proprjeta tad-Dipartiment tal-Artijiet u mhux tal-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Perit Audrey Testaferrata De Noto dwar regolamenti relatati ma' marki u sinjali tat-traffiku kif ukoll twaħħil ta' *bollards, u-bars*. Kopja ta' din il-korrispondenza ser tintbgħat lil kull Kunsillier.

Dwar it-talba li saret mill-Pulizija tad-Distrett biex isir *double yellow lines* fi Triq San Ġuzepp faċċata ta' Triq Sant'Antnin, il-Kunsill qabel unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, li jressaq din it-talba lis-Sotto Kumitat responsabbli mit-tabelli u sinjali tat-traffiku.

<u>Item 6 – Xogħol tal-Kunsill</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-iskeda ta' ħlasijiet għall-perjodu 5 ta' April 2012 u t-2 ta' Mejju 2012 li kien jammonta għal €24,767.79. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*Petty Cash Expenditure* għax-xahar ta' April 2012 li kien jammonta għal €166.51.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Plumpton, il-Kunsill approva unanimament ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart għall-perjodu Ottubru – Diċembru 2011 u l-*financial indicator* għall-istess perjodu kif ukoll ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart għall-perjodu Jannar – Marzu 2012.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-25 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-unika kwotazzjoni li kien hemm għall-polza ta' assigurazzjoni. L-offerta kienet mingħand Island Insurance Brokers Limited għall-prezz ta' €1,277. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-offerta li ngħatat mill-kumpanija *Island Insurance Brokers Limited*.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntrattur Bryden Azzopardi li kien ingħata l-kuntratt għat-tindif u żamma ta' toroq mhux urbani (ZLC 6/2012) naqas milli jippreżenta l-garanzija bankarja, l-polza ta' assigurazzjoni kif ukoll milli jiffirma l-kuntratt. Dan minkejja li l-ittra ta' aċċettazzjoni ilha li ntbgħatet lilu mill-15 ta' Frar, 2012 u wara din id-data saru diversi tentattivi oħra biex jiġi ffirmat il-kuntratt.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt jingħata lis-Sur Carmelo Camilleri li kien għamel l-offerta ta' €5,700 u li kien l-offerent li għamel l-orħos offerta wara dik mingħand Bryden Azzopardi.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt illi l-Kunsill għandu mas-Sur Wilson Mifsud għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas u roundabouts* (ZLC 2/2010) kien ser jiskadi u l-Kunsill għandu jiddeċiedi jekk iġġedditx jew le dan il-kuntratt għal sena addizzjonali. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet isskeondat mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li għanda tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-*Interviewing Board* kien għamel l-intervisti lill-applikanti li kienu qed jirreġistraw taħt *Part 1* mal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ. Fil-konkluzjoni tiegħu l-Bord qabel illi ħadd mill-applikanti ma nstab addattat għal din il-kariga u għalhekk l-proċess tal-għazla ser jitkompla billi l-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ tintalab tibgħat lista ta' persuni oħra li huma eleġibbli għal din il-vakanza.

Is-Sindku ppropona li Triq Luq issir *one-way* peress illi din it-triq hija pjuttost dejqa. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

<u>Item 7 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sur John J Pace ppropona li jsiru *traffic lights* fi Triq il-Kbira ma' Triq il-Kunvent peress illi f'din il-*junction* qed ikun hemm konfuzjoni sħiħa speċjalment fil-ħinijiet ta' filgħaxija kif ukoll f'ċerti siegħat ta' filgħodu. Is-Sindku ssekonda lis-Sur Pace u l-Kunsill qabel b'erba voti favur u żewġ voti kontra. Is-Sur Pisani u s-Sur Plumpton qalu li r-raġuni li ma jaqblux kienet li fl-opinjoni tagħhom l-ewwel għandu jintalab parir tekniku qabel ma jitwaħħlu t-*traffic lights* biex jiġi aċċertat li ma jkunx hemm problemi wara li dawn it-*traffic lights* jibdew jaħdmu.

Is-Sindku talab li tinġieb approvazzjoni biex isiru *parking bays* fi Triq Ġanni Bonavia u Sqaq Berqi. Is-Sur Bonnici ssekonda proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Dwar it-tibdil propost fil-ġbir tal-iskart, s-Sur Bonnici ppropona li jitwaqqaf Kumitat Ad Hoc kompost mis-Sindku, mis-Sur Pisani u mis-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll minnu bħala l-kunsillier responsabbli mill-Ambjent, biex dan il-Kumitat jipproponi pjan ta' kif il-Kunsill għandu jipproċedi biex finalment nhar ta' Tlieta ma tibqax tinġabar il-borza s-sewda u minflok ir-residenti jiġu mħeġġa jirreċiklaw aktar skart. Is-Sur Pisani ssekonda lis-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sur Bonnici ppropona li ssir *bring-in-site* fi Triq in-Newl. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Bonnici filwaqt li talab li jiġi assigurat li l-iskart minn din it-triq jibda jinġabar kuljum.

Is-Sindku talab li l-Kunsill jerġa' jikteb lil Transport Malta biex Triq in-Newl tingħata t-tarmak.

Is-Sur Bonnici fakkar dwar il-ħtieġa li jsiru *traffic calmers* fi Triq tal-Labour.

Is-Sur Plumpton saħaq dwar l-importanza li jsiru *speed cameras* fi Triq Wied il-Għajn minħabba sewqan eċċessiv li qed ikun hemm fit-triq u li qed ikun ta' periklu kbir għar-residenti kif ukoll għas-sewwieqa.

Is-Sur Bonnici talab li l-Kunsill jkompli jagħmel pressjoni biex jitkompla x-xogħol ta' manutenzjoni fi Triq il-Mina ta' Hompesch.

Is-Sur Bonnici nforma lill-Kunsill dwar iz-zjara li s-Sur Diego Puleo ser jagħmel f'Ħaż-Żabbar u dwar l-elezzjonijiet lokali li ser isiru ġewwa Villabate fil-ġranet li ġejjin.

Is-Sur Bonnici tkellem dwar il-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ u ppropona li l-Kunsilliera s-Sinjura Anna Calleja, s-Sinjura Anne Marie Schembri u s-Sur Charles Mizzi jkunu l-*carers* li jieħdu ħsieb iż-żgħażagħ matul il-Kamp Internazzjonali li ser isir f'Obidos il-Portugal bejn l-14 u t-28 ta' Lulju 2012.

Is-Sinjura Calleja tkellmet fuq il-paġna tal-Kunsill fuq *Facebook* u qalet fl-opinjoni tagħha din il-paġna mhux qed tilħaq l-iskop li għalih saret. Is-Sinjura Calleja qalet li ħafna residenti qed isostnu li d-diskussjoni fuq din il-paġna ħafna drabi qed tkun partiġġjana. Is-Sur Plumpton qal li anke hu kellu l-istess *feedback* mill-pubbliku, u ħafna residenti jixtiequ li din il-paġna tabilħaqq isservi l-iskop li għalih saret.

Is-Sinjura Calleja tkellmet dwar l-art pubblika li hemm fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq il-Kapuċċini u semmiet il-possibilita' li din l-art tiġi devoluta lill-Kunsill biex tiġi msebbħa

Is-Sur Bonnici talab li temporanjament jinqata' l-qasab li hemm ħiereġ minn l-art mitluqa li hemm fil-kantuniera ta' dawn iż-żewġ toroq.

Is-Sur Pace talab li ssir tabella fi Triq l-Immakulata Kunċizzjoni biex il-vetturi jipparkjaw *parallel* mal-bankina.

Is-Sinjura Calleja talbet li l-Kunsill iwessa' l-*U-bar* li hemm quddiem ir-residenza numru 161 fi Triq il-Kunvent peress illi meta tagħmel ix-xita qed iżomm l-ilma quddiem din ir-residenza bil-konsegwenza li l-vetturi qed ixarbu l-faċċata ta' din id-dar.

Is-Sur Pisani qal li l-għaqda *Friends of the Earth* kienet issottomettiet l-applikazzjoni għal proġett li kienet qed tipproponi u l-Kunsill qed ikun rappreżentat ukoll f'dan il-proġett.

Is-Sur Pisani ppropona li jibdew il-preparamenti neċessarji biex jingħata bidu għax-xogħol fuq il-*website* il-ġdida tal-Kunsill. Is-Sur Pisani qal li l-*website* ser tqum lill-Kunsill l-ammont ta' €700 bħala ħlas ta' darba u €150 oħra fis-sena għall-*hosting*. Is-Sur Pisani qal li s-Sur Julian Rizzo flimkien miegħu u ma' membri tal-istaff tal-Kunsill ser ikunu qed jaħdmu fuq id-disinn u l-informazzjoni ta' din il-*website*. Is-Sindku ssekonda lis-Sur Pisani u l-Kunsill qabel b'erba' voti favur u astensjoni waħda li jinbeda u jħallas għax-xogħol biex issir din il-*website*. Is-Sinjura Calleja qalet li kienet qed tastjeni f'dan

il-vot peress illi l-Kunsill diġa għandu *website* li qed tiġi provduta mingħajr ħlas mill-Gvern u għalhekk ma tħossx li l-Kunsill għandu jagħmel *website* oħra.

Is-Sur Pisani qal li l-Ġimgħa, 6 ta' Lulju 2012 ser terġa' tiġi organizzata għat-tieni darba l-attivita' *Taħbit il-Għabex* li l-ispiza biex din issir mhix ser teċċedi l-€500. Din l-attivita' titratta temi soċjali kif ukoll ser isir qari ta' poeziji.

Is-Sur Pisani talab li jiġu rranġati tappieri tad-drenaġġ li hemm bejn id-djar numru 202 u 215 fi Triq is-Santwarju peress illi dawn it-tappieri nizlu u qed ikunu ta' nkonvenjent għar-residenti.

Is-Sur Pisani talab ukoll li titwaħħal tabella li tindika l-isem ta' Triq il-Baħrija minn naħa ta' Triq Papa Alessandru V11.

Is-Sur Bonnici semma l-possibilita' li jingħata isem għal venda ta' Ħaż-Żabbar, issa li l-kunċent tal vened spiċċa.

Il-laqgħa spiċċat fl-10.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-400 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 30 ta' Mejju 2012.

Domenic Agius
Sindku